

Brussell, 22 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11469/24
COR 2
PV CONS 36
SOC 496
EMPL 302
SAN 390
CONSOM 231

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
20 u 21 ta' Ġunju 2024

Fid-dokument ST 11469/24 INIT, fil-paġna 12, id-dikjarazzjoni dwar il-punt "B" nru 17 għandha taqra kif ġej:

Dwar il-punt "B" **Konklużjonijiet dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**
nru 17: *Approvazzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL U MINN SPANJA

"Il-Portugall u Spanja jfaħħru l-isforzi tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE biex toħloq viżjoni ambizzjuża u indispensabbli għall-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa bl-għan komuni li tiegħu ħsieb u tipproteġi liċ-ċittadini Ewropej. Azzjonijiet ikkoordinati huma kruċjali biex is-sistemi tas-saħħa nazzjonali jkunu lesti jindirizzaw kemm l-isfidi tas-saħħa eżistenti kif ukoll dawk futuri. F'dan il-kuntest, impenjajna ruġna lejn sforzi biex intaffu n-nuqqas ta' mediċini u l-impatti tagħhom fuq il-pazjenti. Nappoġġaw l-appell kondiviż lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra li tipproponi Att dwar il-Mediċini Kritiċi. Madankollu, il-Portugall u Spanja jinterpretaw il-miżuri korrispondenti deskritti fil-paragrafu 74 b'mod mhux restrittiv. Nemmnu li l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa li tqis il-miżuri rilevanti kollha, inkluż l-istrumenti ta' appoġġ fil-livell tal-UE, li jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ il-produzzjoni tal-UE ta' prodotti mediċinali kritiċi, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. B'dan il-mod, nistgħu nissalvagwardjaw aċċess ekwu għal mediċini kritiċi u għas-Saħħa għaċ-ċittadini kollha fl-Istati Membri kollha."